MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 17(2)/K7/2014 |
| Data: | It-Tlieta 6 ta' Mejju 2014<br>Kontinwazzjoni ta' Laqgħa 17/K7/2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sna Romina Galea<br>Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Maurice Agius |
| | Skużat | Dr Alex Sciberras<br>Sur Emanuel Brincat |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat l-Gimgħa 2 ta' Mejju, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.
2. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru

3. Amenda fil-Bye Law tad-Daħla ta' L-Iskall
4. Affarijiet oħra jekk urġenti
5. Aġġornament.

**Seduta Numru 17(2)/14**

797 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

**1 Kumitat Amministrattiv Swatar**

798 Iċ-Chairperson tal-Kumitat tas-Swatar irringrazzjat lill-Kunsill tal-kooperazzjoni tagħhom u x-xogħol li sar f'dawn it-tlett snin li kienet Chairperson tal-Kumitat.

799 Iċ-Chairperson informat lill-Kunsill li l-Laqgħa Pubblika tas-Swatar kienet ser issir fit-13 ta' Mejju fis-Sala tal-Parroċċa tas-Swatar.

800 Stiednet lill-membri tal-Kunsill ta' L-Imsida biex jattendu s-SwatarFest li kien ser jiġi mtella mill-Parroċċa bl-għajnuna tal-KAS fl-okkazzjoni tal-Festa San Ġorg Preca. Din l-attivita' hi fis-17 ta' Mejju, mis-6.15pm il-quddiem. Hi qalet li l-Kunsill ta' Birkirkar ser jagħmlu l-applikazzjoni għad dawl tat-toroq ta' ħdejn il-Knisja u għall-attivita' ser itunhom palk. Irringrazzjat lill-Kunsill ta' L-Imsida tal-Festun.

801 Iċ-Chairperson talbet li l-Kunsill ta' L-Imsida joġġezzjona għal żvillup li hu ppjanat mill-Awtorita' tad-Djar fuq l-art tas-Sisla. Il-Kunsill qal li ma tistax issir oġġezzjoni minħabba li l-art mhix responsabilita' tal-Kunsill iżda taqa' taħt il-Kunsill ta' Birkirkara.

802 Is-Sindku rringrazzjat lis-Sna Mifsud tal-ħidma tagħha u awgurat li mal-Kumitat il-ġdid ikun hemm relazzjoni tajba mal-Kunsill kif għandu il-Kumitat preżenti.

**2 Kommunikazzjoni minn laqgħat li saru**

803 Is-Sindku nformat lill-Kunsill li saret laqgħa mas-Supretendent Mamo fil-preżenza ta' l-Ispettur Millo fejn il-Kunsill is-Sindku tkellmet fuq l-problemi li jaffaċċja l-Kunsill fejn ikollu bżonn l-għajnun tal-Pulizija. Is-Sindku qalet li fir-rigward tat-talba tal-Kunsill għall-Pulizija Pajżana fil-lokal is-Superetendent Mamo talbet biex nagħmlu din ir-rikjesta lilha. Materji oħra diskussi kienu: ħinijet tal-fluħ ta' ċerti ħwienet, karozzi abbandunati, karozzi bla pjanċl ta' dealers li jiġu pparkjati fit-toroq ta' L-Imsida,

Petizzjoni li tressqet lill-Kunsill minn residenti ta' Triq il-Kunċizzjoni fuq persuna li qed iżomm l-annimali qalb ir-residenti u l-barranin fil-lokalita' tagħna u kif nistgħu nedukawhom iżjed biex ma jkunux ta' nkonvenjent lir-residenti ta' l-Imsida.

804 Il-Kunsill ġie informat li saret laqgħa ma' Perit minn TM u mal-Perit tal-Kunsill minħabba l-PC Application tal-proġett ta' Censu Farrugia. Ġie spjegat lil Perit tat-TM li ż-żona ta' quddiem il-flattijiet hija skedata għal-'service road' allura qatt ma setgħet tiġl nkorporata mal-proġett. Qalu pero' li biex tibqa service road, minħabba li ma hemmx ħwienet fil-viċinanzi aħjar tkun triq 'one-way' biex b'hekk tkun tista' tintuża minn kullħadd u anke ikun jista' jiżdied il-parkeġġ fiż-żona. Għall-ħwienet ser tiġi nkorporata Loading/Unloading Bay fil-proġett stess. Il-Kumitat tat-TRACC, li kienu taħt l-impressjoni li din iż-żona hija 'green area' ser jerġgħu jevalwaw il-każ. L-istess Perit tat-TM qal li l-linja ta' Triq ix-Xatt tax-Xbiex għandha tinżebaħ sewda sakemm jibda l-proġett. Ġie msemmi li ta' Johnsons qed joħorġu l-kartun barra u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiktbilhom.

805 Lokalitajjiet Aktar Ħodor – Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li ser isir Press Conference nhar is-16 ta' Mejju fejn il-Ministru Leo Brincat ser iħabbar l-approvazzjoni tal-proposti tal-Kunsilli nvoluti fl-iskema Lokalitajjiet Aktar Ħodor, fosthom l-Imsida.

806 Saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-FKNK minħabba l-'kamera' li ser titwaħħal biex jiġu osservati l-Bring In Sites ħdejn il-Ġibjun. Għandha ssir laqgħa oħra fil-preżenza ta' l-uffiċjali ta' l-Alberta.

807 Saret laqgħa mal-Water Services Coorporation minħabba l-problema tad-Drenaġġ fil-parti ta' L-Imsida ta' Triq San Gwann ta' L-Għargħar. L-WSC qed jesploraw il-possibilitajjiet li tingħaqqad ma xi sistema eżistenti.

808 Rappreżentant tal-Birdlife tkellmet mas-Sindku u s-Segretarja fuq il-possibilita' li l-Kunsill Lokali ta' L-Imsida jieħdu sehem f'proġett fejn il-ħsieb hu li jerġa jiġl ntrodott il-Maltese Falcon f'żoni urbani fil-gżejjer Maltin. Il-Kunsilliera għandhom jingħataw aktar informazzjoni fuq dan il-proġett qabel issir xi deċiżjoni.

809 Saret laqgħa wkoll mad-Dog's Trust fejn talbu li jingħataw il-permess jiżbħu xi arti relatat ma' l-għan tagħhom fuq il-ħajt ta' Triq Mikiel Vassalli. Is-Sindu u s-Segretarju informawhom li hemm bżonn il-permess ta' TM u l-Kunsill kien ser jagħmel talba f'dan ir-rigward.

810 Is-Sindku u s-Segretarju ltaqgħu ma' Chris Etin li huwa minn Niġerja li huwa għalliem hawn Malta, u attenda l-laqgħa biex jinforma xi gruppi ta' immigranti fl-Imsida dwar xi użanzi fis-soċjeta' tagħna li huma forsi ma

jkunu jafu bihom biex jipprovaw jbiddlu ftit l-atteġġjament tagħhom biex b'hekk jintegraw aħjar mar-residenti tal-lokal. Is-Segretarju għandha tipprepara xi tabelli bl-Ingliż biex tibgħathom lil Chris biex hu jieħu ħsieb li jiġu ittradotti fil-lingwi differenti u jitqassmu fil-ħwienet u bars li jiffrekwentatw l-immigranti.

811 Il-Kunsill ġie informat li saret laqgħa bejn rappreżentanti tal-Kunsill, tal-Każin tal-Band u tal-Klabb tal-Futbol minħabba l-attivita' tal-World Cup. Sar qbil li ż-żewġ għaqdiet għandhom jiddiskutu bejniethom u jerġgħu jkellmu lill-Kunsill x'ħin jaslu fi ftehim.

## 3 Amenda fil-Bye Law: Id-Daħla ta' L-Iskall

812 Sar qbil li l-Kunsill jipproċedi b'Amenda fil-Bye Law imsemmija biex id-dgħajjes kummerċjali jkunu regolati bl-istess daqs ta' dawk tas-sajd, i.e. 12 metri. Ġie deċiż ukoll li hemm bżonn issir laqgħa dwar il-kumpens dovut minn min jikser il-Bye Law.

813 Minkejja li sar qbil li l-Kunsill jitlob laqgħa mad-DLG biex imexxi fuq iż-żewġt tibdiliet, ġie deċiż li jekk li jinbidlu l-multi tkun ser tieħu fi-tul (i.e sa Awwissu ma jkunx hemm risposta) l-Kunsill jipproċedi fl-amenda tat-12 il-metru.

814 Fuq il-Bollards ta' fuq l-iskall sar qbil li l-Kunsill ikollu l-kopja taċ-ċwievet u l-kumitat ikollu kopja oħra. Is-Sur Louis Dimech għandu jintalab jitkellem ma' membru tal-Kumitat biex jaraw kif ser jgħamlu biex isiru dawn il-bollards.

## 4 Affarijiet oħra hekk urġenti

815 Is-Sur Selvaggi qal li l-floodlight li hemm faċċata ta' Gregory fi Triq ix-Xatt tax-Xbiex suppost ikun qed jgħati fuq il-baħar, u mhux jixgħel. Is-Segretarju għandha tinforma lin-Nexos.

816 Is-Sur Charles Selvaggi talab 'feedback' dwar it-talba tal-Kunsill li ssir Zebra Crossing fi Triq il-Wied u s-Segretarju informatu li l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tat-TM. Hu qal li xi ħadd fiż-żona intlaqat minn xi karozza u li hemm bżonn li ssir iż-Żebra Crossing malajr kemm jista jkun.

817 Is-Sur Selvaggi qal li għadha ma saritx il-laqgħa bejn l-AVIS u r-residenti li jgħixu ħdejn din il-kumpanija u li l-karozzi għadhom jitħallew barra. U talab lis-Sindku tintervieni biex din il-laqgħa ssir. Is-Sur Matthew Agius qal li hemm bżonn il-preżenza tal-Pulizija Pajżana fiż-żona.

818 Is-Sur Selvaggi saqsa dwar l-Iskema tal-Parkeggi u ġie nformat li il-Kunsill għadu ma ngħatax feedback dwarhom. Is-Sur Matthew Agius issuġġerixxa li tinkiteb ittra lill-Ministru titlob risposta fuq din il-materja.

819 Is-Sur Selvaggi saqsa wkoll fuq imejl li ma twieġbetx mill-Kunsill. Is-Segretarju qalet li kien hemm darba sistema ta' 'Automated Acknowledgement' imma twaqqfet u l-iskrivana kellha tibda tibgħat 'acknowledgement' lill-pubbliku. Is-Segretarju qalet li ser tinforma lill-Community Worker li qed tieħu ħsieb il-'Front Desk' biex tibda tibgħat din l-acknoledgement'. Rigward din l-imejl ir-resident għandu jiġi nformat li l-Kunsill qed jistenna risposta mit-TM.

820 Is-Sur Maurice Agius qal li fi Triq Johnny Catania tneħħew il-qsari minħabba li saru xi xogħolijiet fl-isqaq u issa qed jidħlu l-karozzi. Is-Segretarju għandha tiċċekja l-permess biex tikkuntatja lill-kuntrattur biex il-qsari jgħamluhom f'posthom.

821 Is-Sindku qalet li rċieviet imejl mingħand persuna li qed titlob li ssir CCTV camera quddiem stabiliment partikolari fi Triq ix-Xatt tax-Xbiex. Sar qbil li jekk camera ssir quddiem stabiliment wieħed din tkun diskirminatorja. Il-Kunsill qabel li tintalab aktar il-preżenza tal-Pulizija fiż-żona.

822 Is-Segretarju resqet talba mis-Sur Baldacchino fejn talab biex titraħħas ir-rata tal-permess għax ser ikollu juża mobile crane. Il-Kunsill qabel mad-deċiżjoni li kien ħa l-aħħar darba li ġiet diskussa din il-materja – li l-permessi qegħdin skont il-liġi u ma jitnaqqsux - u qalu li jekk is-sinjur jista jaħdem b'mobile crane jista jagħmel dan.

823 Intalab biex issir ftit tijieb fit-traffic management ta' ħdejn il-proġett ta' Censu Farrugia. Fil-fatt is-Segretarju semmiet tabella ta' 'Dead End' li mhix qegħda f'post tajjeb.

824 Is-Sur Matthew Agius talab li ssir tabella ta' Priority Lane fi Triq St Louis biex min ikun nieżel minn din it-triq jingħata priorita' minħabba li min ikun tiegħla jkollu fejn jieqaf. Is-Sna Galea semmiet li hemm probelma minħabba l-ammont ta' traffiku li jgħaddi minn Triq il-Kunċizzjoni u s-Sur Maurice Agius issuġġerixxa li ssir camera bi Speed Limit ta' 20. Is-Sur Matthew Agius qabel ma din il-proposta.

825 Is-Sur Bartolo irringrazzja lill-Kunsill f'isem il-Kunsill taż-Żgħazagħ tal-kollaborazzjoni fuq il-Wirja tal-Gimgħa l-Kbira.

826 Is-Sur Bartolo qal li hemm bżonn li ssir Bandiera Maltija minħabba l-proċeduri li bagħtu d-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq il-bnadar. Qal li hemm bżonn ukoll li ssir oħra ta' L-Imsida u li ser jiġu €150 it-tnejn u jkunu l-istess daqs. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

827 Is-Sur Bartolo talab li ssir applikazzjoni għal-bozzoz tat-Triq ta' quddiem il-Knisja. Is-Segretarju qalet li ser tapplika ma' l-Enemalta.

828 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-19.00.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv